# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tat-Tnejn u Ħamsin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

*Din hija kontinwazzjoni tal-Wieħed u Ħamsin Laqgħa tal-Kunsill.*

## Prezenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Joe Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Christopher Spiteri | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |

## Assenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |

Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-membri preżenti li l-approvazzjoni formali mill-Ministeru tal-Finanzi sal-lum kienet għadha ma waslitx u għaldaqstant il-membri kollha ħarġu fuq il-bankina fit-Triq bħala turija ta' diżapprovazzjoni fil-konfront tal-Kunsill Lokali għal dan id-dewmien. Is-Sur Joe Grima talab li jiġi skużat minħabba li ma japprovax din l-azzjoni meħudha mill-Kunsill.

Is-Sur Joe Grima telaq fil-ħamsa w nofs u ħamsa (5.35pm).

Is-Segretarju nforma lis-Sindku li skond Artiklu 48 (2) il-laqgħa tal-Kunsill għandha ssir fl-Uffiċini tal-Kunsill. Wara diskussjoni li saret il-laqgħa tkompliet skond il-liġi.

Is-Sur Noel Scerri qal li din l-azzjoni huwa mod appropjat u floku biex jingħata messaġġ lill-Awtoritajiet ikkonċernati fuq din it-talba tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku s-Sur Christopher Spiteri qal li din l-azzjoni mill-Kunsill qed tittieħed biex dan il-Kunsill ma jibqax jiġi kkalkulat tat-tieni klassi fejn f' lokalitajiet oħra qed isiru proġetti kbar mill-Gvern u l-Kunsill tagħna biex jissellef il-flus għal dan il-bini u dan sabiex ir-residenti anzjani tagħna jkunu jistaw jinqdew aħjar u mhux jeħtieġ li l-impjegati ta' l-istess Kunsill jaqduhom minn isfel minħabba nuqqas ta' aċċessibilta'. Din is-sitwazzjoni hija kollha tord ta' l-Awtoritajiet li jibqaw ikaxkru saqajhom biex japprovaw tali self għal firma mill-Ministru. Is-Sur Doninic Spencer talab sabiex issir billboard fejn jesponi l-pjanti tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill u jindika fiċ-ċar li dan il-proġett qed isir mill-Kunsill tiegħek u bl-ebda għajnuna oħra mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku talab li l-Kunsill għandu jiġbor informazzjoni kemm jista jiġi jiswa' dan il-billboard qabel ma jiddeċiedi.

## *10. Cinema Day*

Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex bħas-snin preċedenti l-Kunsill jerġa jtella' din l-attivita' għat-tfal Marsin kif ukoll billi din l-attivita' tkun bla ħlas it-tfal għandhom jġibu magħhom xi ikel jew ġugarelli mhux użati biex jingħataw lit-tfal f'xi Istitut fil-Gżejjer Maltin li jagħżel il-Kunsill. Din għandha ssir nhar l-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2011. Is-Sindku talab l-approvazzjoni għas-servizz ta' coaches mingħand Paramount li tiswa €59 kull coach kif ukoll il-ħlas ta' €5 għal kull tifel u tifla li jinkludi d-dħul għac-cinema, softdrink u popcorn. Dawk il-ġenituri li jakkompanjaw it-tifel /tifla tagħhom jħallsu l-prezz ta' €7. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri, u l-Kunsilliera s-Sur Anthony Buħagiar, is-Sur Noel Scerri u s-Sur Dominic Spencer kienu favur.

## *11. Xiri ta' Photocopier*

Sindku fuq talba tas-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-ispiża sabiex tittranġa l-photocopier Sharp hija sostanzjali u jammonta għal €336.30. Billi l-ispiża mhux ġustifikabbli għaż-żmien li għandha peress li għaddew il'fuq minn għaxar snin u l-Kunsill jeħtieġ photocopier naqra aħjar minn dik bażika huwa ppropona li l-Kunsill joħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet b'speċifikazzjonijiet neċessarji għax-xogħol amministrattiv attwali. L-avviżi għandhom isiru fil-ġurnali lokali kif jitolbu l proceduri finanzjarji u tibqa' miftugħa għal xahar. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri, u l-Kunsilliera s-Sur Anthony Buħagiar, is-Sur Noel Scerri u s-Sur Dominic Spencer kienu favur.

## *12. Performance Bonus ta' l-Impjegati*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Performance Appraisal ta' kull Impjegat u talab għal xi kummenti jew mistoqsijiet fuq dan is-suġġett. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma ressaq xi kummenti għajr l-approvazzjoni verbali ta' dan il-bonus lil kull impjegat mill-membri preżenti. Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-massimu tal-performance bonus lil kull impjegat. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri, u l-Kunsilliera s-Sur Anthony Buħagiar, is-Sur Noel Scerri u s-Sur Dominic Spencer kienu favur.

## *13. Estenzjoni tal-Kuntratt KLM 06/09 – Insurance Scheme*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan il-kuntratt għandu jiġi estiż għal sentejn kif indikat fl-istess kuntratt. Il-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri, u l-Kunsilliera s-Sur Anthony Buħagiar, is-Sur Noel Scerri u s-Sur Dominic Spencer kienu favur.

## *14. Jum il-Marsa*

Is-Sindku talab sabiex sa seduta oħra kull membru jiġi b'xi proposta fuq din l-attivita' li l-Kunsill jorganizza kull sena. Huwa żied jgħid li għal din is-sena il-Quddiesa jmiss li ssir fil-Knisja tas-Ssma' Trinita' Qaddisa u wara din il-Quddiesa jingħata Ġieħ il-Marsa. Is-Sindku ppropona sabiex Ġieħ il-Marsa jingħata lis-Sur Salvu DeBrincat. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-

Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri, u l-Kunsilliera s-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri u s-Sur Dominic Spencer kienu favur.

Is-Sur Dominic. Spencer ppropona lis-Sinjura Magdi għalliema tal-Kindergarten fl-Iskola Primarja ta' Triq Balbi. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, l-Vici Sindku s-Sur Christopher Spiteri, u l-Kunsilliera s-Sur Anthony Buhagiar, is-Sur Noel Scerri u s-Sur Dominic Spencer kienu favur.

## *15. Mistoqsijiet*

Ħadd mill-membri preżenti ma ressaq mistoqsijiet.

## *16. Aġġornament tal-Laqgħa*

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2011 fis-sebgħa w nofs ta' filgħaxija (7.30pm)

Il-Laqgħa spiċċat fis-sitta w nofs ta' filgħaxija ( 6.30 pm)

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv